LOMBARD

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

**Lombard Bank Malta p.l.c. – Laqgħa Annwali Ġenerali 2011**

Il-Laqgħa Annwali Ġenerali ta' Lombard Bank Malta p.l.c. saret nhar il-Ħamis, 28 ta' April 2011 fl-*Exchange Buidings*, Valletta. Waqt il-Laqgħa, ir-riżultati tal-*Group* għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010, ġew ippreżentati lill-azzjonisti għall-approvazzjoni.

L-andament tal-*Group* kien tajjeb bil-profitti qabel it-taxxa jilħqu t-€13.94 miljun.

Hu u jindirizza lill-azzjonisti preżenti għall-laqgħa, iċ-*Chairman* tal-Bank, Christian Lemmerich, wera' sodisfazzjon li l-*Group* laħaq *Consolidated Net Profit After Tax* ta' €9.0 miljun; żieda ta' 12% fuq is-Sena Finanzjarja tal-2009. Iċ-*Chairman* qal li r-riżultati jridu jittieħdu fid-dawl tal-isfidi u l-inċertezza fis-swieq finanzjarji u ekonomiċi madwar id-dinja.

Ix-*Shareholders' Funds* żdiedu bi 11% oħra filwaqt li t-*Total Assets* tal-*Group* żdiedu b'4% għal €567.8 miljun.

Il-*Financial Statements* li ġew ippreżentati wrew sisien finanzjarji tal-*Group* b'saħħithom bil-*Capital Adequacy Ratio* tal-Bank issa jlaħħaq it-18% li huwa ferm aktar mit-8% mitluba minn *Basel II.* Il-*Loan to Deposit Ratio* kien f'livell prudenti ta' 71%. Dan ikompli juri l-mod pragmatiku li bih il-Bank iħares lejn l-*asset/liability management.*

L-azzjonisti approvaw ukoll riżoluzzjoni fejn kien dikjarat *Gross Dividend* finali ta' €0.115 għal kull sehem, li jammonta għal ħlas gross totali ta' €4.151 miljun.

Ir-Riżoluzzjonijiet Ordinarji l-oħrajn kollha li kienu ppreżentati waqt il-laqgħa ġew approvati.

Waqt il-laqgħa iċ-*Chairman* sellem lil Joseph M Demajo li miet aktar kmieni din il-ġimgħa u li serva bħala direttur tal-Bank għal aktar minn 10 snin.

Il-Bord tad-Diretturi tal-Bank huwa magħmul minn Christian Lemmerich (*Chairman*), Kimon Palamidis, Joseph Said, Dimitris Spanodimos, Christos Stylianides u Michael Zammit.

28 ta' April 2011